# Kap 9: Lanterni

## Lezzjoni 9.1: Kultura u reliġjon

***Il-Keywords***

Kultura, reliġjon

**L-Għanijiet**

*L-istudenti*

- jsiru iktar konxji li fid-dinja hawn nies li għandhom kulturi differenti;
- jagħrfu li hawn nies ukoll li barra l-kultura għandhom twemmin differenti.

**Ir-Riżorsi**

- Stampa u *powerpoint* li turi nies differenti (nies Afrikani, Amerikani. Ċiniżi, eċċ);
- *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 9.1;*
- *Il-Bibbja.*

**Il-Proċess**

*Biex tippreżenta din il-lezzjoni:*

1. Introduċi l-lezzjoni billi tistaqsi lill-istudenti dwar min minnhom siefer u agħtihom l-okkażjoni li jitkellmu fuq in-nies differenti li raw f'pajjiżi li huma żaru u x'laqathom f'dawn iż-żjajjar f'pajjiżi barranin.
2. Uri stampa-*powerpoint* u staqsihom dawn l-istampi x'qed jgħidu dwar in-nies li jidhru. Jekk użajt in-nies issuġġeriti oħroġ il-fatt tad-differenzi fil-klima, fl-imġiba, reliġjon, fil-mod tal-għejxien, fil-mod ta' ħajja, u f'aspetti oħra.
3. Enfasizza l-fatt li kull pajjiż għandu d-drawwiet tiegħu u l-mod kif jgħix u li dawn id-drawwiet u l-prattiċi  mhux bil-fors insibuhom f'pajjiżna.
4. Oħroġ il-punt li la Malta mhux id-dinja,  hawn ħafna nies li huma differenti minna.  Hawn min jgħix aħjar minna, imma hawn min miskin m'għandu xejn u qed jgħix fil-faqar. Hawnhekk tista' turi xi stampi li juru kuntrast fejn jidħol mod ta' għejxien.
5. Aqsam ftit mal-istudenti li fid-dinja hawn ukoll reliġjonijiet differenti. Agħmel differenza billi tpinġi din it-tabella sempliċi biex l-istudenti jifhmu:

**<u>RELIĠJONIJIET</u>**

| **Monoteisti** | **Politeisti** |
|---|---|
| Jemmnu f'Alla wieħed | Jemmnu f'ħafna allat |

6. Fakkar hawnhekk li l-ikbar 3 reliġjonijiet Monoteisti, huma l-Kristjaneżmu, il-Ġudaiżmu (ir-Reliġjon Lhudija) u l-Islam.
7. Aqra s-silta li tintroduċi l-*worksheet* fil-*Ktieb tal-Attivitajiet 9.1* u wara stieden lill-istudenti jimlew Attività 1 minn dak li tkun spjegajt, kif ukoll mit-tabella li tkun ippreżentajt.
8. Aqra s-silta fit-tieni Attività bit-titlu Il-KULTURA li tifforma parti mill-Attivita' AĦSEB U AĦDEM. Fuq bażi ta' klassi ħalli jkun hemm diskussjoni stieden lill-istudenti jaħsbu dwar il-mistoqsijiet li għandhom. It-tweġibiet:

   a) Ħadd ma jkun irid jieqaf ħa jifhem lill-ieħor – kulħadd irid iżomm l-idea tiegħu – kulħadd jaħseb li tiegħu l-aħjar.

   b) Żakkew – kien Fariżew u ħalliel u Ġesù mar għandu u hu nbidel għax aċċetta li qallu Ġesù. Is-Samaritana – ġejja minn razza mhix Lhudija u ma kinux ħbieb mal-Lhud. Ġesù waqaf ikellimha, anzi qagħad jistennieha, u hi semgħetu u nbidlet.

   c) Naċċettaw lil dawn il-persuni għax bħalna għandhom id-dritt għall-opinjoni tagħhom - nuruhom rispett bħalma rridu li huma juru lejna – inqisuhom bħalna. Wara kollox quddiem Alla kulħadd l-istess.

- Agħlaq din il-lezzjoni billi tfakkar fl-impenn li kulħadd għandu li jara li kulħadd ikun stmat u rrispettat.

# Kap 9: Lanterni

## Lezzjoni 9.2: L-Umanità li tgħaqqadna

**Il-*Keywords***

Niċċelebraw id-differenzi

**L-Għanijiet**

*L-istudenti*

- jkunu kapaċi jifhmu li minkejja d-differenzi li jeżistu fost il-bnedmin, hemm xi ħaġa li tgħaqqadna lkoll flimkien u din hija l-umanità tagħna.

**Ir-Riżorsi**

- *Stampa* tal-fiżjonomija tal-bniedem;
- *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 9.2;*
- *Il-Bibbja.*

**Il-Proċess**

Biex tippreżenta din il-lezzjoni:

1. Introduċi l-lezzjoni billi tistieden lill-istudenti biex jinnotaw u jaħsbu fuq id-differenzi li jeżistu bejniethom. Oħroġ il-punt li fil-klassi hemm numru ta' studenti li huma differenti minn xulxin f'ħafna aspetti, pereżempju fil-fiżiku, fil-wiċċ, fit-talenti, fl-intelliġenza, fuq x'wieħed iħobb jew ma jħobbx, eċċ. Enfasizza dan il-punt billli turi l-istampa tal-bniedem u tispjega li għalkemm il-partijiet kollha tal-ġisem huma differenti u allura l-ebda parti mhi bħall-oħra, imma hemm armonija sħiħa bejniethom għax hija din l-armonija li tagħmel il-bniedem sħiħ u perfett.
2. Iċċara l-punt li aħna, bħall-partijiet ta' ġisimna, aħna lkoll differenti. U ĦADD M'HU BĦAL ĦADD imma flimkien kapaċi noħolqu l-għaqda li ġġib il-forza u l-paċi u li permezz tagħha d-dinja tibqa' miexja.
3. Ikteb il-kelma SIMILARITAJIET fuq l-*IWB* u spjega t-tifsira ta' din il-kelma (iġifieri dawk l-affarijiet li huma l-istess). Stieden lill-istudenti biex jaħsbu f'affarijiet li huma l-istess bejniethom. Enfasiża li l-kelma tirreferi għal dawk l-affarijiet li kulħadd għandu jew li jixtieq li jkollu. Niżżel l-ideat tal-istudenti madwar il-kelma SIMILARITAJIET: Dawn jistgħu jkunu xi risposti:

- Kulħadd jieħu gost meta jiġi irrispettat;
- Kulħadd irid li jkun maħbub/a;
- Kulħadd irid ikun ferhan;
- Kulħadd irid jevita t-tbatija.

4. Fakkar l-istudenti jifhmu li l-umanità (il-fatt li aħna bnedmin) tagħmilna ħaġa waħda. Id-differenzi m'għandhomx iservu ta' xkiel, imma permezz tagħhom (għax int taf tagħmel ħaġa u jien oħra), dan jgħin biex tikber l-għaqda u kulħadd jikber u jsir aħjar.
5. Aqra s-silta fil-*Ktieb tal-Attivitajiet 9.2* u wara li ssir spjega, stieden l-istudenti biex bħala klassi jaħdmu Attività 1. Xi tweġibiet jistgħu jkunu:
    1. Li nkun apprezzati;
    2. Li nkunu mismugħa;
    3. Li ngħixu fil-kwiet;
    4. Li nkunu ferħana.
6. Għat-tieni parti ta' din l-attività, agħti ċans lill-istudenti jagħżlu liema waħda jridu u jispjegawha.
7. Aqra AĦSEB U AĦDEM u bħala grupp stiedem lill-istudenti jaqraw is-silta mill-Evanġelju ta' San Ġwann 4, 1-42 jew ipproġetta din is-silta fuq l-*IWB*. It-tweġibiet.
    1. Ġesù ħoloq komunikazzjoni ma' persuna li mhux suppost kellem bħala kultura.
    2. It-twemmin u l-kultura ħolqu differenzi u firda.
    3. Waħda ta' rispett u ħbiberija lejn il-persuna b'mod sħiħ.
    4. Għall-ewwel waħda ta' dubju.
    5. Inbidlet għax indunat li Ġesù tant kien qed juriha rispett u li allura ma kienx bniedem bħall-oħrajn, li hi setgħet tafdah. Indunat li kien sinċier u li jridilha l-ġid.
    6. Kienet kapaċi tisma', taċċetta dak li kien ħażin fiha, taċċetta t-twissijiet ta' Ġesu' u allura indunat bl-iżbalji tagħha u ddeċidiet li tinbidel.
8. Agħlaq din il-lezzjoni billi minn din l-esperjenza tas-Samaritana turi kemm hu sew li wieħed jisma' lill-ieħor u jaċċetta lill-ieħor għax b'hekk kulħadd jista' jikber u juża t-talenti tiegħu. Id-differenzi ta' bejnietna jgħinuna nikbru flimkien u noħolqu ħbiberija u għajnuna lejn xulxin.

# Kap 9: Lanterni

## Lezzjoni 9.3: Melħ u Dawl

### Il-*Keywords*

Melħ tal-art, dawl tad-dinja

### L-Għanijiet

*L-istudenti*

- jifhmu li Ġesù qed jagħmel stedina biex b'dak li nagħmlu u ngħidu nkunu dawl għall-oħrajn;
- jagħrfu li kull bniedem, hu ta' liema età hu, jista' wkoll ikun il-melħ tal-art.

### Ir-Riżorsi

- Stampa ta' qamar f'lejla mudlama;
- *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 9.3;*
- *Il-Bibbja.*

### Il-Proċess

*Biex tippreżenta din il-lezzjoni:*

1. Ibda billi turi l-istampa tal-qamar f'lejla mudlama.
2. Spjega kif din l-istampa turi d-dawl u d-dlam f'daqqa.
3. Staqsi lill-istudenti x'jagħmel dan id-dawl. Fakkar f'dak li jkun intqal f'unit 8 – itaffi d-dlam, juri t-triq, iwennes, isebbaħ il-lejl.
4. Semmi d-dlam u staqsi x'jagħmel id-dlam u x'iġib miegħu – konfużjoni, ma tarax fejn sejjer.
5. Joħroġ il-punt li jaqbel li jkollna d-dawl u li ngħixu fih.
6. Aqra s-silta li tinsab fil-*Ktieb tal-Attivitajiet 9.3*.
7. Spjega kif Ġesù qabbel lilu nnifsu mad-dawl. Dan isir billi tinqara u tiġi spjegata s-silta meħuda minn San Mattew 5, 13.
8. Semmi l-effett pożittiv tal-melħ: jagħti t-togħma lll-ikel u jippreserva. Hawnhekk tajjeb li tispjega li fi żmien Ġesù l-melħ kellu importanza kbira, tant li xi minn daqqiet wieħed kien iħallas għal xi servizz li jkun ħa b'ponn melħ. Il-melħ kien jiswa ħafna. Kien għalhekk li Ġesù qal: "Intom il-melħ tal-art". Ried jgħidilna li aħna bħala Nsara rridu "nagħtu t-togħma lil ta' madwarna".

9. Kompli uri kif Ġesù mhux biss tkellem fuq id-dawl/melħ imma kien dawl u melħ għall-oħrajn b'dak li qal u għamel. Irreferi għall-mirakli u għat-tagħlim ta' Ġesú li bihom għamel tant kuraġġ lin-nies ta' żmienu. Għaldaqstant aħna wkoll mistiedna biex inkunu dawl għall-oħrajn. Dan iseħħ meta nagħżlu u naċċettaw li nimitaw lil Ġesù.

10. Aqra Attività 1 u wara li taqsam l-istudenti fi gruppi stidinhom ipinġu dak li jkun laqathom fis-silta. Wara kull grupp jispjega t-tpinġija tiegħu lill-bqija tal-klassi.

11. Spjega Attività 2 u ħalli lill-istudenti jaħsbu:

- dwar il-melħ u l-propjetà tiegħu – isaffi, jippreserva, jagħti t-togħma, jinħall fl-ilma;
- dwar id-dawl u l-propjetà tiegħu – iwennes, iwarrab id-dlam, juri t-triq, isebbaħ.

12. Spjega l-Attività AĦSEB U AĦDEM. L-istudenti jsemmu u jiktbu fuq il-ktieb kif jistgħu jkunu dawl għad-dinja. Xi tweġibiet jistgħu jkunu dawn:

    1. Xi ħadd jagħmilli xi ħaġa ħażinau jien naħfirlu.
    2. Min għandu bżonn l-għajnuna jien ngħinu.
    3. Minn naqsu l-kuraġġ bi kliemi u b'għemili ngħinu jrabbi l-kuraġġ.
    4. Inħalli lil kulħadd jilgħab u ma nwarrab lil ħadd.
    5. Dak li għandi nagħmel nagħmlu bil-qalb u bla tnikkir.

13. Agħlaq il-lezzjoni billi tieħu xi spunt minn dak li jkunu qalu l-istudenti biex tenfasizza kif fil-veritá wieħed jista' jkun dawl għall-oħrajn.

# Kap 9: Lanterni

## Lezzjoni 9.4: L-ikbar kmandament - l-imħabba

**Il-*Keywords***

Imħabba vera.

***L-Għanijiet:***

*L-istudenti*

- jifhmu li s-sejħa prinċipali ta’ kull Nisrani hija li jħobb.
- jagħrfu kif jistgħu jgħixu l-imħabba li hija l-akbar kmandament.

**Ir-Riżorsi**

- Stampa-*powerpoint* ta’ żewġ itfal jitgħannqu jew ta’ persuna tgħin lil persuna oħra;
- L-istorja ta’ Martin l-iskarpan;
- *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 9.4;*
- *Il-Bibbja.*

**Il-Proċess**

*Biex tippreżenta din il-lezzjoni:*

1. Uri l-istampa-*powerpoint* u staqsi lill-istudenti jikkummentaw fuq dak li jkunu qed jaraw. Żgur li ser toħroġ il-kelma ‘mħabba’. Allura ikteb il-kelma MĦABBA u staqsi lill-istudenti jgħidulek x’inhi l-imħabba. Tkun diffiċli ħafna biex tingħata definizzjoni u allura għinhom biex jagħtu eżempji ta’ mħabba. Hawnhekk ikun iktar possibbli għall-istudenti li jipparteċipaw.
2. Irrakkonta l-istorja fil-qosor (Tinsab fl-aħħar ta’ din il-lezzjoni).
3. Staqsi lill-istudenti biex isemmu x’jitgħallmu minn din l-istorja.
4. Semmi l-punt dwar kif meta nħobbu bis-serjetà lil ta’ madwarna nkunu qed ngħinu u nħobbu lil Ġesù.
5. Aqra s-silta li hemm fil-*Ktieb tal-Attivitajiet 9.4* u wara spjega ħafifa, aqsam lill-istudenti fi gruppi u stedinhom joħolqu l-mima mitluba minnhom fil-ktieb.
6. Fisser l-Attività bl-isem: Il-Kliem ta’ Ġesù, u bħala klassi stieden lill-istudenti jitkellmu u jaqsmu mal-bija tal-klassi x’laqathom fis-silta. IMPORTANTI li joħroġ il-fatt ta’ xi tfisser li

tħobb – agħmel lil ħaddieħor dak li trid li ħaddieħor jagħmel lilek.

7. Introduċi d-diska billi tgħid xi ħaġa ħafifa dwarha. Importanti li l-istudenti jkollhom it-test tad-diska quddiemhom fuq l-*IWB*. Wara ħu *feedback* mill-istudenti dwar kif ħassewhom waqt li kienu qed jisimgħuha.
8. Stieden lill-istudenti biex jagħzlu xi vers mid-diska li jkun għoġobhom, jgħiduh u jgħidu għaliex ikun għoġobhom. Dan ikun mument ta' qsim ma' xulxin. Fl-aħħar erġa' doqq id-diska u din id-darba stieden lill-istudenti biex kif jistgħu jipparteċipaw billi jkantaw.
9. Agħlaq il-lezzjoni billi tiddiskuti l-aħħar mistoqsija f'din l-attività. Fakkar li min iħobb tassew ikun qed ikun dawl għalih innifsu għax qed ikompli jikber fl-imħabba ta' Ġesù, u inti meta tgħin tkun qed tiġġenera l-għajnuna li hi dawl fiha nnifisha lill-oħrajn.

---

## L-Istorja ta' Martin l-Iskarpan

Martin, skarpan fqir, xtaq bil-kbir iħobb lil Ġesù u kien jipprova kuljum jagħmel dan. Darba, qabel raqad, lil Ġesù qallu: "Ġesù, inħobbok tant, kif qatt ma narak?" U b'għaġenb kbir tiegħu sema' lil Ġesù jgħidlu: "Martin, għada stenniena għax ħa niġi".

U Martin qam kmieni, libes u beda jistenna lil Ġesù. L-ewwel ma ġie kien Pietru, it-tifel li s-soltu jġiblu l-ħobż u din id-darba bil-kemm qallu 'bonġu' għax kien mehdi wisq jistenna li jitfaċċa Ġesù! Allura ħeles minnu malajr. Pietru mar 'l hemm qalbu sewda għax xtaq jgħidlu li ommu kienet ma tiflaħx dak inhar u kien jinsab wisq inkwetat, imma kellu jitlaq.

Martin baqa' jistenna. Ġie Ġakbu l-ġar tiegħu li bħas-soltu mar fil-ħanut biex jgħid kelma miegħu u jgħaddi ftit tal-ħin, imma dak inhar Ġakbu skanta bil-kbir għax Martin deher mhux għal kollox moħħu hemm, Deher aljenat wisq u meta nduna li ma setax jibqa' jitkellem waħdu telaq 'l hemm ukoll. U Martin baqa' jistenna u jistenna. Daħlet mara b'tarbija li talbitu l-karità u qalilha biex tgħaddi l-għada għax dak inhar ma setax jagħtiha karità għax kien qed jistenna lil xi ħadd. It-tarbija bdiet tibki, imma Martin, għalkemm iddispjaċieh, ma riedx imur iġibilha l-ħalib u għal bżonn jgħaddi Ġesù u ma jarahx!

U Martin baqa' jistenna u jistenna u jistenna. Dalam u ħadd ma deher. Għalaq il-ħanut u wara li kiel xi ħaġa tela' jorqod igerger waħdu għax Ġesù qallu li kien ser jiġi u ma ġiex!

F'daqqa waħda sema' leħen Ġesù li qallu: "Martin, jien ġejt ta!"

Martin wieġbu: "Jien qgħadt attent ħafna imma ma rajtekx! U kieku taf kemm stennejt u stennejt!"

Ġesù wieġbu: "Jien ġejt, jaħasra! Ġejt meta ġie Pietru, imma int kont aljenat. Ġejt meta ġie Ġakbu, imma ma tajtx kasi! Ġejt meta ġiet il-mara fqira, imma int ħaffift u bgħattni 'l barra." U Martin fehem xi ħaġa importanti tassew!

# Kap 9: Lanterni

## Lezzjoni 9.5: It-Tlugħ fis-Sema ta' Ġesù u Pentekoste

### Il-*Keywords*

*L-Atti tal-Appostli,* Pentekoste

### L-Għanijiet

*L-istudenti*

- jkunu jafu bi ftit dettal it-tifsira taż-żewġ ġrajjiet li nsibu fil-bidu tal-Atti tal-Appostli, jiġifieri t-tlugħ fis-sema ta' Ġesù u Pentekoste.
- jifhmu s-siwi ta' dawn iż-żewġ festi kbar.

### Ir-Riżorsi

- *Vidjow-clips* mill-*Youtube* dwar dawn il-ġrajjiet;
- *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 9.5;*
- *Il-Bibbja*

### Il-Proċess

Biex tippreżenta din il-lezzjoni:

1. Introduċi l-lezzjoni billi tfakkar ftit dwar il-kotba tat-Testment il-Ġdid. Tgħid li b'kollox hemm 27 ktieb. L-ewwel erbgħa huma l-Evanġelji ta' San Mattew, ta' San Mark, ta' San Luqa u ta' San Ġwann. Warajhom insibu l-ktieb tal-Atti tal-Appostli li huwa ktieb dwar il-ħidma tal-Appostli u l-bidu tal-Knisja.
2. Irreferi għal dan il-ktieb li minnu ser issir il-lezzjoni tal-lum.
3. Aqra s-silta li hemm fil-Ktieb tal-Attivitajiet 9.5 u introduċi ż-żewġ siltiet: It-tlugħ ta' Ġesù fis-sema u Pentekoste (it-twelid tal-Knisja bl-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli) li jinsabu f'din is-silta. Tista' tagħmel użu mill-Preżentazzjoni dwar dan is-suġġett.
4. Jistgħu jintużaw vidjow-clips qosra li jinstabu fuq Youtube biex turi x'ġara f'dawn il-ġrajjiet.
5. Ipproġetta s-silta Atti 1, 4-11 u wara Atti 2, 1-13 u fi gruppi l-istudenti jimlew il-vojt bil-kliem addattat li joħorġu mis-silta stess. It-tweġibiet huma:

    1. Ġerusalemm – Missier
    2. Lhudija - Samarija
    3. Sema – abjad – Galilija
    4. Ħamsin – flimkien – qawwi
    5. jitkellmu – lsien

6. Aqra AĦSEB U AĦDEM u fuq bażi ta' klassi l-istudenti jiddiskutu u wara jimlew it-tweġibiet it-tajba. It-tweġibiet huma:
    a. L-Appostli ħarġu u bil-kuraġġ bdew jippriedkaw lil Ġesù.
    b. Għandna bżonnu għad aħna wkoll nenħtieġu l-kuraġġ biex bi kliemna u bl-għemil tagħna nuru li aħna ma' Ġesù.
7. Agħlaq din il-lezzjoni billi tfakkar fl-importanzaa tal-kuraġġ li jgħinna biex niġbdu ħabel wieħed u allura nkabbru l-komunità ta' bejnietna.

# Kap 9: Lanterni

## Lezzjoni 9.6: Ġwanni Pawlu II

### Il-*Keywords*

Dawl għal kull bniedem

### L-Għanijiet

*L-istudenti*

a. jkunu jafu ftit tagħrif dwar il-Beatu Papa Ġwanni Pawlu II;

b. jifhmu kif dan il-bniedem kien dawl għall-umanità.

### Ir-Riżorsi

- *Ritratti tal-Papa Ġwanni Pawli 11 mill-Internet;*
- Id-DVD *The man who became a Pope;*
- *Biografija tal-Papa (noti addizzjonali)*
- Id-diska *Un uomo venuto da*
- *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 9.6.*
- *Il-Bibbja*

### Il-Proċess

*Biex tippreżenta din il-lezzjoni:*

1. Uri ftit ritratti ta' dan il-papa kbir. Jistgħu jinstabu diversi stampi tiegħu kif ukoll tinħoloq power-point sempliċi b'xi ritratti tiegħu.
2. Jintwerew siltiet mil-film *Karol* (*A Man Who Became a Pope* u *The Pope, The Man*). Tista' tagħmel użu mill-*powerpoint presentation*. Mhux possibbli li wieħed jara kollox imma tintgħażel xi parti li tkun tinteressa lill-istudenti u li l-iktar twassal il-messaġġ li dan il-bniedem kien tassew miftuħ għall-bnedmin kollha.
3. Jinħarġu t-tagħlimiet mil-ħajja ta' din il-persuna. Il-ktieb jippreżenta numru minnhom. Jistgħu jiġu spjegati madankollu mhux eskluż li l-istudneti jsibu riflessjonijiet oħra.
4. Jintwera il-*vidjow* uffiċċjali tad-diska ta' Amadeo Minghi *Un Uomo Venuto da Lontan.* http://www.musictory.it/musica/Amedeo+Minghi/Un+Uomo+Venuto+Da+Lontano . Tajjeb li l-istudenti jkollhom il-kliem f'idejhom jew ipproġettati (ara noti addizzjonali) biex jifhmu iktar il-

messaġġ qawwi ta' din id-diska.

5. Aqra s-silta li hemm fil-*Ktieb tal-Attivitajiet 9.5* u wara spjega ħafifa stieden lill-istudenti biex bħala klassi jimlew il-vojt fl-ewwel Attività. It-tweġibiet huma:

- 18 ta' Mejju 1920, 2 ta' April 2005
- reliġjonijiet
- bniedem
- dawl, mudell għad-dinja
- 129
- Madonna
- lingwi.

6. Stieden lill-istudenti jaħdmu t-tieni attività billi jfittxu fuq dan il-Papa. Int tista' tgħin billi fil-qosor tagħti l-ħajja ta' dan il-Papa min-nota pprovduti.

7. Fisser dawn il-punti biex l-istudenti jsibuha faċli jirrispondu l-mistoqsijiet. It-tweġibiet huma:

   a) Is-sitwazzjoni kienet tal-biża' għax ħadd ma seta' jiftaħ ħalqu.
   b) Hu kien dejjem jippriedka li l-imħabba tirbaħ.
   c) *Il-Feddej tal-Bniedem* (*Redemptor Hominis*).

8. Ippreżenta AĦSEB U AĦDEM u wara diskussjoni bħala klassi għen lill-istudenti jifhmu li, li għamel lil Ġwanni Pawlu 2 daqshekk kbir kien li:

   a) Kien persuna li jaf iħobb u jħenn.
   b) Kien jirrispetta lil kulħadd.
   c) Kien jinżel għal-livell ta' kulħadd.
   d) Kien bniedem li jħobb ħafna lil Ġesù u lill-Madonna u allura, la mexa fuq il-passi ta' Ġesù, bilfors li jkun il-persuna li kien.

9. Agħlaq din il-lezzjoni billi tfakkar li qatt m'għandna naqtgħu qalbna minħabba t-tfixkil li naraw madwarna.

*Un Uomo Venuto da Lontan.*

**http://www.musictory.it/musica/Amedeo+Minghi/Un+Uomo+Venuto+Da+Lontano**

Un Uomo venuto da molto lontano.
Negli occhi il ricordo
dei campi di grano.
Il vento di Auschwitz portava nel cuore,
e intanto Scriveva poesie d'amore.
Amore, che nasce dal cuore dell'uomo,
per ogni altro uomo.
Un Uomo venuto da molto lontano.
Stringeva il dolore
ed un libro nella mano.
Qualcuno ha sparato
ed io quel giorno ho pianto:
ma tutto il mondo Gli è rimasto accanto.
Quel giorno, il mondo ha ritrovato il cuore,
la verità non muore.

Un uomo che parte vestito di bianco.
per mille paesi non sembra mai stanco
ma dentro i suoi occhi un dolore profondo:
vedere il cammino diverso del mondo,
la guerra e la gente che cambia il suo cuore.
la verità che muore.
(coro) "Và, dolce Grande Uomo và,
và parla della Libertà."
Và dove guerra , fame
e povertà hanno ucciso anche la dignità.
Và e ricorda a questo cuore mio...
(CORO) "Và e ricorda a questo cuore mio..."
..Che Caino sono pure io.
Dall'Est è arrivato il primo squillo di tromba:
il mondo si ferma,

c'è qualcosa che cambia!

Un popolo grida:

"Noi vogliamo DIO,

la libertà è solo un dono Suo"

Tu apri le braccia e

incoraggi i Figli ad essere Fratelli.

(CORO) "Và, dolce Grande Uomo và..

Và, parla della Libertà."

Và, dove l'uomo ha per sorella

solo lebbra e mosche sulle labbra.

Và,e ricorda a questo cuore mio,

(Coro) "Và e ricorda a questo cuore mio..."

...Che Caino sono pure io....

...Che Caino sono pure io...

---

## Din hi biss informazzjoni addizzjonali bħala għajnuna għall-għalliema.

**Blessed Pope John Paul II** (18 May 1920-2 April 2005), born **Karol Józef Wojtyła**, was a Polish priest of the Roman Catholic Church and the 265th Pope from 1978 until his death.

John Paul II was the first non-Italian pope in 455 years. He traveled more than any other pope before him, visiting many of the countries of the world. He is also famous for starting the annual World Youth Day. After he was beatified, his title was changed to **Blessed John Paul I1.**

## Early life



Karol Józef Wojtyła was born on 18 May 1920 in Wadowice in southern Poland and was the youngest of three children of Karol Wojtyła and Emilia Kaczorowska. His mother died in 1929 when he was just nine years old, and his father supported him so that he could study. His brother, who worked as a doctor, died when Wojtyła was twelve. He lost everyone in his family - a sister, brother, mother, and father - before he became a priest. He played sports and was particularly interested in football (soccer) as a goalkeeper.

After finishing his studies at the Marcin Wadowita high school in Wadowice, in 1938 Wojtyła enrolled at the Jagiellonian University in Kraków, and in a school for drama. He worked as a volunteer librarian and was an athlete, actor and playwright. He did two months military training in the Academic Legion because it was compulsory, but he refused to hold or fire a weapon.

When he was young he met many Jewish people who lived in that area. In 1939, Nazi forces closed the Jagiellonian University. All men, except for the disabled, had to have a job. From 1940 to 1944 Wojtyła worked in a restaurant, in a limestone quarry, and then as a salesman for a chemical factory. He did not want to be sent to Germany where he would be made to join the army. His father died of a heart attack in February 1941.

On 29 February 1944, Wojtyła was knocked down by a German truck. He expected to be badly treated, but the German officers sent him to a hospital. He spent two weeks there with head and shoulder injuries. It was at this time that he decided that he must become a priest. When he came out of hospital, the young Polish men were being sent to Germany for training. He escaped to the house of the Archbishop and hid there till after the war. On the night of 17 January 1945, the Germans left the city. The priests and teacher and students went back to the seminary, where there was a big clean-up to be done. Wojtyła volunteered to clean out the lavatories.

That month, Wojtyła found a fourteen-year-old Jewish refugee. The girl, named Edith Zierer, was trying to reach her parents, but had collapsed from hunger. He gave her food and helped her go to the railway station. She did not hear of him again until the day came when he was elected Pope.

Karol Wojtyła was ordained as a priest by Cardinal Adam Stefan Sapieha on 1 November 1946. In 1958, Wojtyła then became the youngest bishop in Poland at the age of 38. In 1962 he took part in the Second Vatican Council and helped write two very important documents. One was about Religious freedom and the other one was about the work of the church in the Modern World. In 1963 Bishop Wojtyła became Archbishop of Kraków. On 26 June 1967, Pope Paul VI raised Archbishop Wojtyła's to the rank of cardinal.



John Paul II became Pope on 16 October 1978. John Paul II was the first non-Italian pope in 455 years. He was pope for 27 years, making him the second longest serving pope after Pope Pius IXwho held the office for 31 years and seven months.[12] He was also the first and only Slavic pope. John Paul II was the most traveled pope in history with 104 international trips. During his lifetime he learned many foreign languages. He spoke Polish as his native language, and learned Latin and Ancient Greek in school. On the day that he officially became Pope, he spoke to people in Italian, English, German, French, Spanish, Czech and Portuguese. He also spoke a little Lithuanian, Hungarian, Russian and Ukrainian.

In 1984 John Paul II started World Youth Day which was first held in Rome and attended by about

300,000 people. Since then it has been held in a different country every year. It encourages young people to be faithful to God, and to live together in peace. Many millions of people have attended.

**The Pope's travels**

One of John Paul II's earliest official visits was to his home country of Poland, in June 1979. There, he was always surrounded by happy, cheering crowds.[15] The Pope wanted to bring freedom and human rights to his country. His visit encouraged Poles to oppose the communism, and in 1980 the Solidarity movement was born. On later trips to Poland, he made his message of support stronger. The Soviet Union had controlled Eastern Europe for many years. In 1989, Poland was the first country to begin to break free from the Soviet Union.

John Paul II went to places where other popes before him had already been, such as the United States, or the Holy Land. He also went to many countries that no pope had ever visited before. He was the first reigning pope to travel to the United Kingdom, where he met Queen Elizabeth II, the Supreme Governor of the Church of England.

He was a pope who worked hard to reconciliate churches and visited places of different religious denominations.

After the attacks on 11 September 2001, even though people were worried about his safety, the Pope traveled to Kazakhstan and spoke to large audiences including many Muslims. He also went to Armenia, to participate in the celebration of the 1700 years of Christianity.[21][23] He said Mass in local languages during some visits, including Kiswahili in Nairobi, Kenya in 1995 and in an Indonesian language in East Timor.

During his trips, the Pope always showed his devotion to the Blessed Virgin Mary.

On 13 May 1981, the Pope was shot twice in the abdomen by a Muslim fanatic, Mehmet Ali Ağca. The pope was gravely injured.He barely survived the assassination attempt, and had to be treated in hospital for 20 days. The pope later visited Ağca in prison. He had forgiven him already. Exactly one year later he traveled to Fatima to thank Mary, Mother of God for saving his life. Pope John Paul II's funeral



John Paul died on Saturday, on the eve of the Divine Mercy Holiday, 2 April 2005.

# Kap 9: Lanterni

## Lezzjoni 9.7: Madre Tereża - L-imħabba lejn l-ifqar fost il-fqar

**Il-*Keywords***

Imħabba, l-ifqar nies

**L-Għanijiet**

L-istudenti

- jsiru jafu ftit tagħrif dwar Madre Tereża;
- jifhmu kemm ħadmet favur il-bniedem, l-iktar dak fqir u batut.

**Ir-Riżorsi**

- Stamp minn ħajjet Madre Tereża;
- *Mother Teresa of Calcutta* ( cartoon for children);
- *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 9.7.*

**Il-Proċess**

Biex tippreżenta din il-lezzjoni:

1. Uri xi ritratti ta' din il-mara kbira fl-imħabba u fl-imġiba tagħha u ara t-tfal x'jafu dwarha.
2. Oħroġ dawn il-punti importanti: li kienet tħobb ħafna lil Ġesù tant li ħalliet kollox għalih, kienet tħobb tgħin ħafna lill-fqir u lill-batut.
3. Uża l-*clip* ssuġġerit jew xi *clip* ieħor biex l-istudenti jsiru aktar midħla ta' din il-persuna qaddisa. Tista' turi xi wieħed mill-*powerpoint presentations*.
4. Agħti ftit informazzzjoni dwar din is-soru (ara noti addizzjonali).
5. Aqra s-silta li hemm fil-*Ktieb tal-Attivitajiet 9.7* u minn dak li tkun wassalt int u dak li jkunu raw u qalu huma stidenhom biex jaħdmu bħala klassi Attività 1.
6. Fittex ftit kwotazzjonijiet ta' Madre Tereża u aqsamhom mal-istudenti. Jistgħu jinstabu ħafna minn dawn u x'uħud minnhom huma qawwijin, profondi, ċari u konċiżi. Tlieta famużi huma dawn: Ħobb sakemm tbati. Xerred l-imħabba kulfejn tkun. Tħalli lil ħadd jersaq lejk mingħajr ma jitlaq aktar ferħan.
7. Aqra AĦSEB U AĦDEM u wara li tiddiskuti s-sentenza stieden lill-istudenti jimlew il-vojt. It-

tweġibiet jistgħu jkunu dawn:

a) Insib ħin biex immur ftit ħdejn Ġesù.

b) Inħobb u nirrispetta lil min qed jieħu ħsiebi.

c) Ngħin lil min hu marid f'xi telefonata jew email jekk ma nistax immur inżuru.

d) Ninteressa ruħi x'qed jiġri madwari u ngħin mill-aħjar li nista'.

e) Naċċetta u napprezza lil kull bniedem.

8. Agħlaq billi tistieden lill-istudenti jagħmlu t-talba tagħhom. Tajjeb li tenfasizza l-punt li jekk nemmnu f'Ġesù, kif għamlet u deher f'Madre Tereza, ma nibżgħux nagħtu minn dak li għandna. Mela, li nagħti ma jfissirx biss flus, imma l-ħin tiegħi, it-tbissima tiegħi, il-kuraġġ tiegħi, is-support u s-solidarjeta tiegħi.

## Informazzjoni għall-għalliema dwar Madre Tereza.

Mother Teresa was born Agnes Gonxha Bojaxhiu, the youngest of three children of an Albanian builder, on August 26, 1910 in Skopje, Macedonia. She felt that August 27, 1910, the day of her baptism, was her true birthday. At the age of 18 she joined the Order of the Sisters of Our Lady of Loreto in Ireland. She trained in Dublin, where the motherhouse of the Loreto Sisters was located. She chose the name of Sister Teresa, in memory of Saint Thérèse of Lisieux.

In December 1928 she began her journey to India and continued to Darjeeling, at the base of the Himalayan Mountains, where she would continue her training towards her religious vows. Soon after, on January 6, 1929 she arrived in Calcutta, the capital of Bengal, India to teach at a school for girls. While in Calcutta, she was moved by the presence of the sick and dying on the city's streets. On September 10, 1946, on the long train ride to Darjeeling where she was to go on a retreat and to recover from suspected tuberculosis, something happened. Mother Teresa recalls:



"I realized that I had the call to take care of the sick and the dying, the hungry, the naked, the homeless - to be God's Love in action to the poorest of the poor. That was the beginning of the Missionaries of Charity."

She didn't hesitate, she didn't question. She asked permission to leave the Loreto congregation and to establish a new order of sisters. She received that

permission from Pope Pius XII. In 1952 Mother Teresa and her Missionaries of Charity began the work for which they have been noted ever since. Her order received permission from Calcutta officials to use a portion of the abandoned temple of Kali, the Hindu goddess of transition and destroyer of demons. Mother Teresa founded here the Kalighat Home for the Dying, which she named Nirmal Hriday (meaning "Pure Heart"). She and her fellow nuns gathered dying people off the streets of Calcutta and brought them to this home to care for them during the days before they died.

Mother Teresa's first orphanage was started in 1953, while in 1957 she and her Missionaries of Charity began working with lepers. In the years following, her homes (she called them "tabernacles") have been established in hundreds of locations in the world.

Following a prolonged illness, Mother Teresa passed away on September 5, 1997.

# Kap 9: Lanterni

## Lezzjoni 9.8: Inħobb u nirrispetta

**Il-*Keywords***

Rispett, imħabba

**L-Għanijiet**

L-istudenti:

- jiftakru xi jfissru l-imħabba u r-rispett veru;
- jifhmu li kulħadd iħoss il-bżonn li jkun  maħbub/a u rispettat/a.

**Ir-Riżorsi:**

- *Stampa* bil-kliem IMĦABBA U RISPETT;
- *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 9.8;*
- *Il-Bibbja.*

**Il-Proċess**

Biex tippreżenta din il-lezzjoni:

1. Ipproġetta fuq l-*IWB* il-kliem IMĦABBA U RISPETT. Din hija l-lezzjoni li tagħlaq dan il-kapitlu. Għaldaqstant tajjeb li tingħata importanza u ssir enfasi fuq dawn iż-żewġ valuri li kienu l-fus li fuqhom inbena dan il-kap.
2. Oħroġ minn dak li jgħidu l-istudenti l-messaġġ prinċípali li qiegħed fil-fatt li min jirrispetta, iħobb tassew, imma min ma jirrispettax ma jħobbx. Biex tirrispetta fil-verità u allura tħobb int ser tbati għax ser ikollok tħalli xi ħaġa minn tiegħek għal ħaddieħor. Fakkar f'Ġesù li għax tant ħabb u rrispetta lill-bniedem bata sa ħalla ħajtu għalina. Faħħar li biex aħna nħobbu u nirrispettaw tassew ukoll ġieli jkollna nċedu l-idea tagħna, inċedu fil-logħob, nagħtu l-ħin tagħna għall-oħrajn u l-bqija.
3. Fakkar fil-punt tant importanti li bħala Nsaara rridu nħobbu lil kulħadd, anki lil dawk li ma jaqblux magħna.
4. Aqra s-silta mill-*Ktieb tal-Attivitajiet 9.8* u spjegaha. Stieden lill-istudenti biex inti u huma taħdmu Attività 1. Din l-attività tista' ssir billi Inti, permezz tal-internet, tfittex dawn iż-żewġ valuri dak il-ħin stess quddiem l-istudenti (u bl-għajnuna tagħh.)
5. Oħroġ il-messaġġ li dawn iż-żewġ valuri jinsabu prattikameent f'kull  lingwa għax kulħadd iħoss

il-bżonn tagħhom.  Tajjeb għalhekk li kull wieħed u waħda minna jkollna r-responsabbiltà li kull fejn inkunu niżirgħu l-imħabba u r-rispett.

6. Wassal lill-istudenti għal Attività 2. Hawnhekk, spjega x'iridu jagħmlu l-istudenti u agħti din l-attività bħala xogħol għad-dar minħabba li jridu jsibu l-istampi. Għall-aħħar mistoqsija tajjeb li toħroġ il-punt tar-rispett u t-tolleraanza u allura l-imħabba li wieħed għandu juri lejn l-ieħor.

7. Aqra l-attività AĦSEB U AĦDEM u wara li tagħti spjega ħafifa, stieden lill-istudenti biex fi gruppi jiddiskutu ż-żewġ mistoqsijiet. It-tweġibiet huma dawn:

**Mistoqsija 1:** Xi tweġibiet jistgħu jkunu: inħarsu lejn l-oħrajn bħalma nixtiequ li huma jħarsu lejna – inċedu – ngħinu – nissapportjaw – nuru solidarjetà – nagħdru – nieħdu paċenzja

**Mistoqsija 2:** Xi tweġibiet jistgħu jkunu: Li nkunu egoisti – inħarsu lejn l-oħrajn bħala inqas minna – ma niqfux u nisimgħu imma rridu ngħidu tagħna biss – ma naħfrux – inpattu - ma nagħtux kas tal-bżonnijiet tal-oħrajn.

8. Agħlaq din il-lezzjoni b'talba addattata u fuq bażi ta' klassi ddiskuti mal-istudenti kif ħa jipprattikaw aktar dawn iż-żewġ valuri. It-tweġibiet Attività A:

| LINGWA | Imħabba | Rispett |
|---|---|---|
| **Malti** | Mħabba | Rispett |
| **Taljan** | Amore | Rispetto |
| **Franċiż** | Amour | Respect |
| **Spanjol** | Amor | Respeto |
| **Russu** | Lyoobuf | Uvazhyeanaa |
| **Ingliż** | Love | Respect |
| **Indoneżjan** | Cinta | Menghormati |
| **Ġappuniż** | Ai | Sonkei |
| **Portugiż** | Amor | Respeito |

| | | |
|---|---|---|
| **Żulu** | Uthando | Inhlonipho |
| **Għarbi** | Hub | Ijlal |